IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.11.2018
COM(2018) 724 final

2018/0374 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni prevista tar-Regoli ta' Proċedura għall-Kunsill Konġunt u għall-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati EPA tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika ("SADC,", Southern African Development Community), min-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni prevista tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Konġunt u r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") għandu l-għan li:

(a) jikkontribwixxi għat-tnaqqis u għall-qerda tal-faqar permezz tat-twaqqif ta' sħubija kummerċjali li tkun konsistenti mal-għan ta' żvilupp sostenibbli, mal-MDGs u mal-Ftehim ta' Cotonou;

(b) jippromwovi l-integrazzjoni reġjonali, il-kooperazzjoni ekonomika u l-governanza tajba biex b'hekk ikun stabbilit u implimentat qafas regolatorju reġjonali effettiv, prevedibbli u trasparenti għall-kummerċ u għall-investiment bejn il-Partijiet u fost l-Istati EPA SADC;

(c) jippromwovi l-integrazzjoni gradwali tal-Istati EPA SADC fl-ekonomija dinjija, skont l-għażliet politiċi u l-prijoritajiet ta' żvilupp tagħhom;

(d) jtejjeb il-kapaċità tal-Istati EPA SADC fil-politika kummerċjali u fi kwistjonijiet relatati mal-kummerċ;

(e) jappoġġja l-kundizzjonijiet għal żieda fl-investiment u fl-inizjattivi tas-settur privat, u jtejjeb il-kapaċità għall-forniment, il-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku fl-Istati EPA SADC; u

(f) jsaħħaħ ir-relazzjonijiet eżistenti bejn il-Partijiet fuq il-bażi tas-solidarjetà u tal-interess reċiproku.

Il-Ftehim jiġi applikat b'mod proviżorju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Botswana, il-Lesoto, in-Namibja, l-Eswatini u l-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, mill-10 ta' Ottubru 2016, u bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Mozambique, min-naħa l-oħra, mill-4 ta' Frar 2018.

2.2. Il-Kunsill Konġunt

L-Artikolu 100 tal-Ftehim jistabbilixxi Kunsill Konġunt u jipprevedi li huwa "għandu jissorvelja u jamministra l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim".

L-Artikolu 101 tal-Ftehim jipprevedi li l-Kunsill Konġunt għandu jkun magħmul, minn naħa, mill-membri tal-Kunsill tal-UE u l-membri rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea jew mir-rappreżentanti tagħhom, u, min-naħa l-oħra, mill-Ministri tal-Istati EPA SADC jew mir-rappreżentanti tagħhom. Il-funzjonijiet tal-Kunsill Konġunt jinkludu li jiġu stabbiliti r-regoli ta' proċedura tiegħu stess u r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp.

L-Artikolu 102 tal-Ftehim jipprevedi li l-Kunsill Konġunt jadotta deċiżjonijiet b'kunsens u li dawk id-deċiżjonijiet għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet.

2.3. L-att previst tal-Kunsill Konġunt

Matul l-ewwel laqgħa tiegħu, il-Kunsill Konġunt irid jadotta deċiżjoni dwar ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Konġunt u r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jistabbilixxi r-regoli dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Kunsill Konġunt u tal-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Konġunt stabbilit permezz tal-EPA SADC tal-UE fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill Konġunt u tal-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp.

Il-Partijiet fil-Ftehim ddiskutew dawn ir-regoli ta' proċeduri u qablu li, soġġett għal proċeduri ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, dawn għandhom jiġu adottati fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill Konġunt li huwa previst għall-ewwel semestru tal-2019.

Is-sustanza tar-regoli ta' proċedura mehmuża hija simili ħafna għal dik ta' regoli ta' proċedura ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika oħra jew ftehimiet kummerċjali oħra.

Ir-regoli ta' proċedura huma essenzjali biex jitlesta l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim u għalhekk biex tkun żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-Ftehim.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni"[1].

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kunsill Konġunt huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-EPA SADC tal-UE.

L-att li l-Kunsill Konġunt huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-atti previsti jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 102(2) tal-Ftehim.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

[1] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

4.2. Il-bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-għan u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tagħhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun identifikabbli bħala ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-għan ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ tkun l-Artikolu 207 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2018/0374 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni prevista tar-Regoli ta' Proċedura għall-Kunsill Konġunt u għall-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati EPA tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika ("SADC", Southern African Development Community), min-naħa l-oħra, ġie ffirmat mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-10 ta' Ġunju 2016[2] ("il-Ftehim"). Dan jiġi applikat b'mod proviżorju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Botswana, il-Lesoto, in-Namibja, l-Eswatini u l-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, mill-10 ta' Ottubru 2016, u bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Mozambique, min-naħa l-oħra, mill-4 ta' Frar 2018.

(2) Skont l-Artikolu 102(1) tal-Ftehim, il-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet rigward il-kwistjonijiet kollha koperti minn dan il-Ftehim. Skont l-Artikolu 101(3)(h) u (i), il-Kunsill Konġunt jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess u r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp.

(3) Il-Kunsill Konġunt matul l-ewwel laqgħa għandu jadotta deċiżjonijiet fir-rigward tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp.

(4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Konġunt, peress li d-deċiżjoni prevista tal-Kunsill Konġunt se tkun vinkolanti għall-Unjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill Konġunt għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt fir-rigward tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Konġunt u r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp li hija mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

[2] Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra (ĠU L 250, 16.9.2016, p. 3).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President